FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 16 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 20**

**Avviz. numru 883/01JR**

**Lombard Bank Malta p.l.c.**

**vs**

**Anthony u Bridget konjugi Cassar Mallia**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Settembru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u tmienja u sebghin lira Maltija tnejn u sebghin centezmu (Lm378.72), u fejn intqal illi l-Bank attur ikkonceda facilita` ta' self lill-konvenuti u in forza ta' din il-facilita`, Lombard Bank Malta p.l.c. jinsab kreditur tal-konvenuti fis-somma ta' tlett mija u tmienja u sebghin lira Maltija tnejn u sebghin centezmu (Lm378.72), skond statement anness u mmarkat Dok.A bl-interessi kalkolati sal-31 ta' Lulju, 2001 oltre l-**

**imghaxijiet ulterjuri mill-1 t'Awissu, 2001, sad-data tal-pagament effettiv.**

**Illi l-konvenuti ghalkemm interpellati anke ufficjalment sabiex ihallsu dan l-ammont baqghu inadempjenti.**

**Ghalhekk qieghda ssir din il-kawza sabiex il-konvenuti jigu kkundannati jhallsu l'hawn fuq imsemmi ammont ta' tlett mija tmienja u sebghin lira Maltija tnejn u sebghin centezmu (Lm378.72), lill-Bank attur, oltre l-imghaxijiet ulterjuri mill-1 t'Awissu, 2001, sad-data tal-pagament effettiv;**

**Bl-ispejjez kollha, inkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali datata 4 ta' Settembru, 2000 u tal-mandat ta' qbid kawtelatorju prezentat kontestwalment ma' din il-kawza u bl-imghax legali mill-1 t'Awissu, 2001 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut deher u ammetta li l-ammont mitlub huwa dovut.**

**Ghaldaqstant, fuq ammissjoni, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici l-ammont ta' tlett mija tmienja u sebghin lira Maltija tnejn u sebghin centezmu (Lm378.72), bl-imghax legali mill-1 t'Awissu, 2001 sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 4 ta' Settembru, 2000 u tal-mandat ta' qbid kawtelatorju prezentat kontestwalment**

**ma' din il-kawza, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**